MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NATASHA GALEA SCIBERRAS**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2013

Numru. 35/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs**

**Etienne Agius**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Etienne Agius ta' 19-il sena, iben Carmel u Rosanna nee` Vella, imwieled Pieta` nhar is-16 ta' Lulju 1991, residenti Binja Qlejgha, Blk C, 9, Mtarfa u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 374391(M):

Akkuzat talli fis-27 ta' April 2011 ghal habta ta' 00.45a.m. u fil-hinijiet ta' qabel waqt li kont gewwa J.B. Stores Parking Area li jinsab Iklin u f'dawn il-gzejjer:

a) Kellu fil-pussess tieghu id-droga Herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) U aktar talli b'hekk sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2013, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena, il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, u in oltre illi ghalkemm il-fedina penali aggornata tieghu mhijiex wahda netta, lanqas ma hija wahda allarmanti. Mill-fedina penali jirrizulta illi huwa nstab hati *inter alia* f'zewg okkazzjonijiet ohra dwar pussess semplici ta' droga eroina, dwar liema reati huwa nghata liberazzjoni kundizzjonata u dan fiz-zmien wara li sehh ir-reat fl-imputazzjoni (a). In oltre il-Qorti qieset ukoll illi waqt it-trattazzjoni dwar il-piena, id-difiza ssottomettiet illi l-imputat illum ghandu mpjieg fiss gewwa *restaurant* immexxi miz-ziju tieghu. L-imputat rriabilita ruhu mill-vizzju tad-droga u rriforma ruhu, tant illi zijuh stess jafdah bil-flus tal-istess *restaurant* ghaliex l-imputat jiehu hsieb ukoll l-aspett tal-*purchasing.* Il-Qorti semghet liz-ziju tal-imputat jikkonferma dan kollu, ghalkemm minghajr gurament.

Min-naha l-ohra l-Qorti kkunsidrat ukoll illi l-imputat huwa recidiv.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta' multa ta' seba' mija u hamsin Euro (€750) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Euro (€100), bl-ewwel pagament isir mhux izjed tard minn xahar mid-data ta' din is-sentenza. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament

wiehed, il-bilanc jigi dovut miinnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull €35 jew parti minnhom dovuti.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew dak kollu relatat mal-abbuz taghha, immarkat bhala Dokument BS3, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------